MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tal-11 ta' April, 2014

Talba Numru. 578/2013

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs.**

**Lorna Elizabeth Maltby K.I. 54960(A)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-23 ta' Settembru 2013, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta' erba' mija u sebgħa Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€407.76) – liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni, bl-akkont numru *A/C 51024991*, mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenuta;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' erba' mija u sebgħa Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€407.76), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi ppreżentata fit-13 ta' Marzu 2013 u nnumerata 607/13, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċċitata huma a kariku tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------